



Avviż legali

1. Dikjarazzjoni ta' Ċaħda ta' Responsabbiltà
2. Stqarrija ta' privatezza
3. Regoli dwar il-protezzjoni ta' dejta personali
4. Avviż tad-dritt tal-awtur

1. Dikjarazzjoni ta' Ċaħda ta' Responsabbiltà

1.1 Kunsiderazzjonijiet ġenerali

Il-pożizzjonijiet espressi fuq is-sit web huma dawk tal-awturi u ma jirriflettux neċessarjament l-opinjonijiet tal-Kummissjoni Ewropea. Filwaqt li dan is-sit web huwa ġestit mill-Kummissjoni Ewropea, ir-responsabbiltà għall-kontenut tiegħu hija maqsuma bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri individwali.

Il-Kummissjoni Ewropea żżomm dan is-sit web biex ittejjeb l-aċċess għall-ġustizzja transfruntiera u tkabbar l-aċċess pubbliku għal informazzjoni dwar l-inizjattivi tagħha u l-politiki tal-Unjoni Ewropea b'mod ġenerali. Aħna nipprovaw inżommu din l-informazzjoni kurrenti u preċiża. Jekk tinġibdilna l-attenzjoni li hemm xi żbalji, aħna nipprovaw nikkoreġuhom.

Is-servizzi interattivi (elettroniċi) kollha huma pprovduti "kif inhuma" u fuq bażi "tal-aħjar li jista' jsir". Il-Kummissjoni Ewropea u l-fornituri tad-dejta/tas-servizz li qegħdin jipparteċipaw jiċċdu kull responsabbiltà, kemm espliċita kif ukoll taċita. B'mod partikolari, aħna ma nistgħux niggarantixxu qagħda aġġornata tad-dejta, il-korrettezza tagħha jew niżguraw id-disponibbiltà ta' servizz ininterrott jew id-disponibbiltà ta' kull sit estern illinkjat.

Għal uħud mill-funzjonalitajiet tiegħu l-Portal Ewropew tal-Ġustizzja Elettronika juża dejta minn [GeoNames](#) fuq il-bażi ta' [liċenzja a CC BY 3.0](#). Ma ssir l-ebda bidla għad-dejta.

Il-Kummissjoni tiċċad kull responsabbiltà fir-rigward ta' kull dannu mġarrab minħabba korruzzjoni tad-dejta, telf tad-dejta jew kull tip ieħor ta' effett avvers ikkawżat minħabba tħaddim intenzjonat jew mhux intenzjonat tas-sistema. Din id-dikjarazzjoni ta' ċaħda ta' responsabbiltà mhijiex maħsuba biex tillimita r-responsabbiltà tal-Kummissjoni bi ksur ta' kull rekwiżit stipulat fil-liġi nazzjonali applikabbli jew biex teskludi r-responsabbiltà tagħha għal kwistjonijiet li ma jistgħux ikunu esklużi skont dik il-liġi. Il-liġi applikabbli hija l-liġi Belġjana u l-qraġi Belġjani huma kompetenti f'każ ta' tilwima.

Il-Kummissjoni Ewropea tista' tirrevedi d-Dikjarazzjoni ta' Ċaħda ta' Responsabbiltà u l-Patti u l-kundizzjonijiet indikati aktar 'l isfel f'kull ħin mingħajr avviż minn qabel u għandek dejjem tirreferi għall-verżjoni kurrenti ta' dan it-test kif ippubblikat fis-sit web.

1.2 Aspetti relatati mal-paġni tal-kontenut

Il-paġni tal-kontenut huma jew "Ewropej" fin-natura tagħhom jew paġni tal-"Istati Membri", fejn kull Stat Membru tal-UE (permezz tal-awtoritajiet varji tiegħu) huwa responsabbli għall-kontenut u għar-referenzi fuq l-istess paġni tiegħu. Din l-informazzjoni:

- hija ta' natura ġenerali biss u hija maħsuba biss biex tindirizza ċ-ċirkustanzi speċifiċi ta' kull individwu jew entità partikolari;
- mhijiex neċessarjament komprensiva, kompluta, preċiża jew aġġornata;
- hija xi drabi marbuta ma' siti esterni li l-Kummissjoni ma għandha l-ebda kontroll fuqhom u li l-Kummissjoni ma tassumi l-ebda responsabbiltà għalihom;
- mhijiex parir professjonali jew legali (jekk għandek bżonn ta' parir speċifiku, għandek dejjem tikkonsulta professjonist ikkwalfikat kif xieraq).

Kull referenza fil-paġni ta' kontenut għal persuna ta' sess maskil titqies ukoll bħala li tikkostitwixxi referenza għal persuna ta' sess femminil, u viċi versa, sakemm il-kuntest ma jindikax ċarament mod ieħor.

Xi wħud mill-paġni ta' kontenut saru bi traduzzjoni awtomatizzata. Innota li traduzzjonijiet awtomatizzati jkunu pprovduti temporanjament u għal għanijiet kumentwali biss. Il-proprietarji ta' dawn il-paġni ma jaċċettaw l-ebda responsabbiltà fir-rigward tal-kwalità ta' testijiet tradotti b'mod awtomatizzati.

Innota li ma jistax jiġi żgurat li dokument disponibbli onlajn jirriproduċi eżattament test adottat uffiċjalment. Il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni Ewropea li tkun ġiet ippubblikata fl-edizzjonijiet stampati ta' Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea qabel l-1 ta' Lulju 2013 u l-verżjonijiet elettroniċi tagħha ppubblikati wara l-1 ta' Lulju 2013 biss għandhom valur legali. Huwa l-għan tagħna li nimminimizzaw l-interruzzjonijiet ikkawżati minn inċidenti tekniċi. Madankollu, xi dejta jew informazzjoni fuq is-sit tagħna tista' tkun maħluqa jew strutturata ffajls jew formati li mhumiex bla żbalji u aħna ma nistgħux niggarantixxu li s-servizz tagħna ma jkunx interrott jew affettwat b'mod ieħor minn problemi bħal dawn.

1.3 Aspetti relatati ma' servizzi interattivi

Għas-servizzi interattivi kollha japplikaw il-patti u kundizzjonijiet segwenti:

Meta tuża dawn is-servizzi, int taqbel li tużahom esklużivament għall-iskop maħsub tagħhom. Ma għandekx tuża s-servizzi, jew kull dejta personali mogħtija mis-servizzi, b'xi ħsieb jew intenzjoni oħra u b'mod partikolari dik id-dejta ma għandhiex tintuża fir-rigward ta' attivitajiet kummerċjali, pubbliċitarji jew ta' reklamar.

Mhuwiex permess li tikkopja fi kwantitajiet kbar b'mod awtomatizzati (ħsad), u/jew tidistribwixxi d-dejta rċevuta permezz tas-servizzi pprovduti b'kull mezz.

Għandek il-permess tillinkja l-Portal Ewropew tal-Ġustizzja Elettronika u l-paġni tiegħu.

Aspetti speċifiċi dwar is-servizzi:

1.3.1 Interkonnessjoni tar-Reġistri ta' Insolvenza

Dan is-servizz jippermettilek issib informazzjoni dwar proċedimenti ta' insolvenza fir-reġistri nazzjonali tal-Istati Membri parteċipanti. M'hemm l-ebda reġistru ta' insolvenza ċentralizzat tal-UE. It-talba tiegħek tintbagħat lir-reġistri nazzjonali u r-risposta tintbagħat lura fi ftit sekondi. Għalissa s-servizz huwa pprovdut fuq bażi "tal-aħjar li jista' jsir".

1.3.2 Sib Avukat

"Sib Avukat" huwa servizz ipprovdut lill-pubbliku ġenerali mill-Kummissjoni Ewropea u l-kmamar nazzjonali tal-avukati u l-għaqdiet tal-avukati parteċipanti.

1.3.3 Sib Nutar

"Sib Nutar" huwa servizz ipprovdut lill-pubbliku ġenerali mill-Kummissjoni Ewropea, il-Kunsill tan-Nutara tal-Unjoni Ewropea (CNUE) u kmamar tan-nutara oħra parteċipanti.

1.3.4 ECLI

L-interfaċċa ta' tiftix tal-ECLI huwa servizz ipprovdut lill-pubbliku ġenerali mill-Kummissjoni Ewropea f'kooperazzjoni mal-fornituri tal-ġurisprudenza parteċipanti. Il-Kummissjoni għamlet dan is-servizz disponibbli biex tiffaċilita l-aċċess għall-ġustizzja f'kument transfruntier billi tippermetti liċ-ċittadini u l-prattikanti legali tal-UE li jillocalizzaw faċilment il-ġurisprudenza li tinkludi identifikatur tal-ECLI.

1.3.5 Tiftix ta' qorti/awtorità kompetenti

L-interfaċċa ta' tiftix ta' qorti/awtorità kompetenti hija servizz ipprovdut lill-pubbliku ġenerali mill-Kummissjoni Ewropea b'kooperazzjoni mal-awtoritajiet ġudizzjarji nazzjonali jew korpi kompetenti oħra parteċipanti. Il-Kummissjoni għamlet dan is-servizz disponibbli biex tiffaċilita l-aċċess għall-ġustizzja f'kument transfruntier billi tippermetti liċ-ċittadini u l-prattikanti legali tal-UE jillocalizzaw faċilment il-qorti nazzjonali kompetenti. Innota li għalkemm sar kull sforz biex tiġi aċċertata l-preċiżjoni tar-riżultati, jista' jkun hemm xi każijiet eċċezzjonali dwar id-determinazzjoni ta' kompetenza li ma jkunux neċessarjament koperti.

1.3.6 Sottomissjoni elettronika ta' talbiet (e-CODEX)

Is-sottomissjoni elettronika tat-talba tiegħek bl-użu tat-teknoloġija e-CODEX (Ordni ta' Flus Ewropea, Talbiet Żgħar Ewropej) hija pprovduta permezz tal-interkonnessjoni ta' għadd kbir ta' sistemi tal-IT operati kemm mill-Kummissjoni Ewropea kif ukoll mill-amministrazzjonijiet nazzjonali. It-talba tiegħek tista' eċċezjonalment ma tilħaqx il-qorti indikata. Il-prova ta' trażmissjoni (jew ta'

nuqqas ta' trażmissjoni) tiġi pprovduta lilek sa kemm ikun possibbli, iżda kun avżat li f'xi Stati Membri din il-prova hija limitata għall-konsenja tat-talba tiegħek lis-sistema nazzjonali ċentrali tal-IT stabbilita għal din il-fini. Ma jkunx dejjem possibbli li tingħata konferma tal-irċevuta lill-qorti kkonċernata.

In-notifiki kollha dwar il-prova ta' trażmissjoni jew l-irċevuta tar-risposti mill-qorti jintbagħtu lill-indirizz tal-posta elettronika assoċjat mal-kont tas-servizz ta' awtentikazzjoni tal-utent tal-Kummissjoni Ewropea (EU Login) li tkun illoggjajt bih.

Il-Kummissjoni Ewropea ma tistax tinżamm responsabbli għal nuqqas ta' konsenja tat-talba tiegħek jew għal nuqqas ta' tressiq ta' provi tat-trażmissjoni tagħha (jew ta' nuqqas ta' trażmissjoni tagħha). Bl-istess mod, il-Kummissjoni ma tistax tinżamm responsabbli għal nuqqas ta' konsenja ta' komunikazzjoni dwar it-talba tiegħek mill-qorti lura lilek jew ta' notifika ta' rċevuta ta' tali komunikazzjoni.

Sakemm ma titlobx li titfassar, il-komunikazzjoni tiegħek mal-qorti u mingħand il-qorti – ħlief f'ċirkustanzi ta' forza maġġuri – tibqa' disponibbli għall-konsultazzjoni tiegħek fil-Portal Ewropew tal-Ġustizzja Elettronika għal perjodu ta' tal-inqas sena. Nagħtuk parir tisesevja l-kopja tiegħek stess tal-komunikazzjoni kollha li tixtieq taċċedi għaliha wara dan il-perjodu. Il-Kummissjoni Ewropea ma tista' tinżamm responsabbli għal ebda dannu li tista' iġġarrab minħabba l-indisponibbiltà temporanja jew permanenti tal-komunikazzjoni bejnek u l-qorti jew talli tkun naqset milli tinnotifikak bil-quddiem bit-tfassir ta' din il-komunikazzjoni.

1.3.7 Firma elettronika

It-talbiet sottomessi elettronikament (e-CODEX) iridu jiġu ffirmati b'mod elettroniku qabel ma jkunu jistgħu jintbagħtu permezz tal-Portal Ewropew tal-Ġustizzja Elettronika. Dan il-Portal jipprovdi strument biex jgħinek f'dan il-proċess, iżda ma jimponix l-użu ta' dan l-istrument: għandek il-possibbiltà li tiffirma t-talba tiegħek elettronikament billi tuża l-mezzi tiegħek stess u ttellagħha fil-Portal. Il-Kummissjoni ma tista' tinżamm responsabbli għal ebda dannu li tista' iġġarrab minħabba ċaħda, mill-qorti jew minn kwalunkwe parti oħra, ta' firma elettronika maħluqa bl-istrument pprovdut mill-Portal Ewropew tal-Ġustizzja Elettronika.

1.3.8 Sib kumpanija / Interkonnessjoni tar-reġistru tan-negozju

Dan is-servizz jippermettilek tfittex u tikseb informazzjoni dwar kumpaniji rreġistrati fir-reġistri tan-negozju fl-UE, l-Iżlanda, il-Liechtenstein jew in-Norveġja. Huwa parti mis-Sistema ta' Interkonnessjoni tar-Reġistri tan-Negozju (BRIS), imwaqqfa b'konformità mad-dritt tal-UE. Is-sistema toħloq konnessjoni bejn ir-reġistri tan-negozju nazzjonali li jagħtu aċċess għall-informazzjoni tal-kumpaniji.

[^ Fuq](#)

2. Stqarrija ta' privatezza

2.1. L-għan tal-Portal Ewropew tal-Ġustizzja Elettronika

Il-Portal Ewropew tal-Ġustizzja Elettronika huwa maħsub bħala “punt ta' kuntatt (elettroniku) waħdieni” għall-informazzjoni dwar il-ġustizzja Ewropea u l-aċċess għal proċeduri ġudizzjarji Ewropej. Il-Portal huwa mmirat lejn iċ-ċittadini, in-negozji, il-ġuristi u l-ġudikatura. Iċ-ċittadini għandhom igawdu mill-istess aċċess għall-ġustizzja fi Stati Membri oħra bħalma jgawdu fl-Istat tagħhom stess u l-Portal Ewropew tal-Ġustizzja Elettronika jikkontribwixxi b'mod Prattiku għat-tneħħija tal-ostakli, pereżempju permezz tal-għoti ta' informazzjoni fi 23 lingwa u kwantià ta' ħoloq għal siti web u dokumenti rilevanti.

Għalkemm ir-responsabbiltà tal-kontenut tal-Portal u l-ġestjoni tiegħu hija responsabbiltà kondiviża bejn il-Kummissjoni Ewropea u l-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea individwali, il-kontrollur tad-dejta tal-Portal Ewropew tal-Ġustizzja Elettronika huwa l-Kummissjoni Ewropea.

2.2. Liema hija l-iġi applikabbli?

L-operazzjonijiet kollha tal-ipproċessar tad-dejta personali marbuta mal-organizzazzjoni u l-ġestjoni tal-Portal Ewropew tal-Ġustizzja Elettronika fir-responsabbiltà tal-Kummissjoni Ewropea huma rregolati mir-Regolament Nru 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jfassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE u tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2014/333/UE dwar il-protezzjoni tad-dejta personali fil-Portal Ewropew tal-Ġustizzja Elettronika.

2.3. X'dejta tiġi pproċessata mill-Kummissjoni fil-Portal Ewropew tal-Ġustizzja?

Ismijiet individwali u indirizzi tal-posta elettronika tal-proprjetarji tal-paġna u tal-ħolqa tas-sit web jiġu pproċessati mill-Portal. Barra minn dan, xi informazzjoni għall-qradi / entitajiet kompetenti pprovduta mill-Istati Membri tista' tinkludi dejta personali (isem, indirizz tal-posta elettronika, numru tat-telefown) f'każijiet fejn il-persuni fiżiċi jkunu ġew iddefiniti bħala punti ta' kuntatt. Din id-dejta kollha tinżamm f'bażi tad-dejta ospitata fiċ-Ċentru tad-Dejta tal-Kummissjoni Ewropea fil-Lussemburgu.

Aħna nużaw mekkaniżmu tranżitorju li jestrapola (iżda ma jżommx) dejta personali mill-EU Login, is-servizz ta' awtentikazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea. Għall-finijiet ta' reġistrazzjoni, dejta personali, bħall-isem, il-kunjom u l-indirizz tal-posta elettronika, tinġabar u tiġi pproċessata mill-EU Login. Avviż ta' privatezza dettaljat u separat jispjega n-natura tal-ipproċessar tad-dejta personali mill-EU Login. Għal aktar informazzjoni, ara <https://webgate.ec.europa.eu/cas/privacyStatement.html>.

Id-dejta personali tiġi pproċessata wkoll fil-Portal Ewropew tal-Ġustizzja Elettronika bl-għan li jiġi previst aċċess għal bażijiet ta' dejta nazzjonali interkonnessi, bħal Sib Avukat, Sib Nutar, l-Interkonnessjoni tar-Reġistri ta' Insolvenza (IRI), il-mutur tar-riċerka tal-Identifikatur Ewropew tal-Każistika (ECLI), Sib kumpanija (parti mis-sistema ta' Interkonnessjoni tar-Reġistri Kummerċjali (BRIS)), is-sistema ta' Interkonnessjoni tar-Reġistri tal-Artijiet (LRI), formoli dinamiċi, u s-sottomissjoni elettronika ta' talbiet (e-CODEX).

F'dan ir-rigward:

- id-dejta dwar l-avukati ġejja mir-reġistri tal-kmamar tal-avukati u l-għaqdiet tal-avukati parteċipanti;
- id-dejta dwar in-nutara ġejja mir-reġistri tal-kmamar nazzjonali tan-nutara parteċipanti kif ipprovduti mis-CNUE u korpi kompetenti oħra;
- id-dejta fl-IRI ġejja mir-reġistri ta' insolvenza jew ta' negozju nazzjonali;
- il-parti tad-dejta personali ta' deċiżjonijiet ġudizzjarji pproċessati fil-kuntest tal-ECLI tiġi fornuta minn korpi ġudizzjarji u kompetenti oħra;
- il-formoli dinamiċi jipproċessaw id-dejta personali fornuta mill-utenti aħħarin (eż. isem, indirizz, numru tat-telefown, kont bankarju, eċċ.);
- id-dejta pproċessata fil-kuntest tal-e-CODEX hija dderivata mill-komunikazzjonijiet tal-utenti mal-qrati nazzjonali. Barra minn hekk, hemm dejta teknika użata biex jiġu identifikati l-partiċipanti fis-sistema, li f'xi każijiet jista' jkollha informazzjoni personali, bħall-indirizz tal-posta elettronika jew l-ID tal-EU Login (is-sistema ta' awtentikazzjoni tal-utent tal-Kummissjoni Ewropea);
- id-dejta pproċessata fil-kuntest ta' Sib kumpanija tintuża biex tidentifika lill-partiċipanti fis-sistema, li f'xi każijiet jista' jkun fiha informazzjoni personali, bħall-indirizz elettroniku jew l-ID tal-EU Login. Barra minn hekk, Sib kumpanija tikkonnettja mal-Pjattaforma Ċentrali Ewropea, li hija parti mill-BRIS ukoll, li hija żviluppata u amministrata mill-Kummissjoni Ewropea. Permezz tal-Pjattaforma Ċentrali Ewropea, Sib kumpanija tiġbor id-dejta tal-kumpaniji. Dik id-dejta tal-kumpaniji jista' jkollha dejta personali, u pereżempju dan li ġej: l-isem, id-data tat-twelid, l-indirizz postali, l-indirizz tal-posta elettronika, u n-numri tat-telefown tal-persuni li jirrappreżentaw kumpanija fi trattattivi ma' terzi u fi proċedimenti ġudizzjarji, jew li jieħdu sehem fl-amministrazzjoni, is-superviżjoni jew il-kontroll tal-kumpanija. Din id-dejta ġejja mir-reġistri kummerċjali tal-pajjiżi parteċipanti;
- id-dejta pproċessata fil-kuntest tal-LRI tintuża biex tidentifika lill-partiċipanti fis-sistema, li f'xi każijiet jista' jkun fiha informazzjoni personali, bħall-indirizz elettroniku jew l-ID tal-EU Login.

2.4. X'inhi l-fini tal-ipproċessar tad-dejta?

Il-Portal jiġbor dejta personali bl-għan li jikkuntattja l-proprjetarji tal-paġna u tal-ħolqa tas-sit web. Il-fini ta' dan l-ipproċessar hija li jippermetti n-notifiki bil-posta elettronika u l-ġestjoni tal-proprjetarji tal-paġna u l-proprjetarji tal-ħoloq tas-sit bħala parti mis-sistema tal-amministrazzjoni interna tal-Portal. Il-Portal jestrapola wkoll dejta personali (permezz tal-EU Login) għall-finijiet li ġejjin: biex jintbagħtu notifiki bil-posta elettronika lill-utenti abbonati ma' suġġetti ta' kontenut speċifiku jew biex jingħatawlihom aġġornamenti tal-aħbarijiet. Din id-dejta tiġi pproċessata wkoll sabiex tippermetti l-ġestjoni tar-rwoli u d-drittijiet u l-ġestjoni tal-kontenut.

Għall-funzjonalitajiet ta' Sib Avukat, Sib Nutar, Sib kumpanija, l-IRI u l-ECLI, l-ipproċessar ta' dejta personali mill-Kummissjoni fil-Portal isir biss biex jipprovdri aċċess għal bażijiet ta' dejta nazzjonali interkonnessi li fihom dejta personali. F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni hija responsabbli biss biex tipprovdri l-infrastruttura tal-IT għall-funzjonalitajiet tal-Portal imsemmija aktar 'il fuq u mhijiex responsabbli għall-kontenut tal-bażijiet ta' dejta nazzjonali interkonnessi li huma disponibbli permezz tal-Portal.

Il-Kummissjoni qiegħda tipproċessa dejta personali fil-Portal meta dan ikun meħtieġ sabiex tipprovdri servizzi interattivi li jippermettu lill-utenti sabiex jikkomunikaw direttament mal-awtoritajiet adegwati fi Stat Membru ieħor.

2.5. Min għandu aċċess għad-dejta?

Id-dejta personali dwar il-proprjetarji tal-paġni web jew tal-ħoloq hija aċċessibbli mill-persunal tal-Kummissjoni (id-Direttorat Ġenerali għall-Ġustizzja u l-Konsumaturi tal-Kummissjoni Ewropea, l-Unità B4) u l-persunal awtorizzat li huwa responsabbli mill-amministrazzjoni tas-sistema u s-sostenn tekniku. Barra minn hekk, din id-dejta personali dwar il-paġni tal-Istati Membri hija aċċessibbli wkoll mill-persunal tal-Istat Membru responsabbli mill-ġestjoni tal-paġni rispettivi.

Il-Kummissjoni twettaq ukoll valutazzjonijiet ta' sigurtà kontinwi u xierqa waqt it-twertiq ta' xogħol relatat mal-interkonnessjoni ta' bażijiet ta' dejta nazzjonali. Hija biss l-informazzjoni disponibbli pubblikament fil-bażijiet ta' dejta nazzjonali interkonnessi li hija aċċessibbli permezz tal-Portal. Mhuwiex possibbli li tiġi kkombinata informazzjoni minn diversi bażijiet ta' dejta nazzjonali għal skopijiet differenti permezz tal-Portal.

2.6. Kemm iddum tinżamm id-dejta tiegħek?

Id-dejta personali ta' proprjetarji ta' paġni u ta' ħoloq tinżamm f'bażi ta' dejta lokali sakemm din tkun rilevanti għall-Portal u ma tinżammx aktar milli jkun meħtieġ. Il-bżonn li din id-dejta personali tkompli tinżamm huwa suġġett għal proċess ta' validazzjoni mill-ġdid li jitwettaq darba kull sena fil-kuntest ta' aġġornamenti annwali tal-kontenut tal-Portal. Effettivament il-perjodu taż-żamma huwa għaldaqstant sena, suġġett għal iċċekkjar manwali u tiġdid awtomatiku. F'każ ta' utenti rreġistrati, jinżammu biss l-indirizzi tal-posta elettronika personali. L-ismijiet individwali jew dejta personali oħra ma jinżammux. Id-dejta dwar l-utenti rreġistrati titfassar wara talba mingħandhom.

Id-deċiżjonijiet ġudizzjarji pprovduti fil-kuntest tal-ECLI jista' jkun fihom dejta personali rregolata mil-leġiżlazzjoni nazzjonali dwar il-protezzjoni tad-dejta u tkun suġġetta għall-perjodi ta' żamma rilevanti. Il-fornituri tad-dejta nazzjonali huma responsabbli mit-tneħħija ta' deċiżjonijiet mill-qorti meta dawn ma jkollhomx aktar ikunu aċċessibbli permezz tas-sistema.

Id-dejta personali inkluża fil-komunikazzjoni bejn l-utent u l-qorti, fil-kuntest tas-sottomissjoni elettronika ta' talbiet (e-CODEX), tinżamm permezz ta' bażi ta' dejta separata tal-Kummissjoni f'forma kriptata għall-perjodu ta' żmien li tkun rilevanti għalih. L-utent jista' jitlob li titfassar xħin irid.

Id-dejta personali inkluża fl-ordnijiet tad-dokumenti fil-kuntest ta' Sib kumpanija u l-LRI tibqa' tinżamm sakemm l-ordni jitneħħa mill-Portal tal-bażi ta' dejta.

Ma tinżamm l-ebda dejta personali oħra fil-bażi ta' dejta tal-Portal.

2.7. X'miżuri ta' sigurtà jinsabu fis-seħħ kontra aċċess mhux awtorizzat?

Id-dejta tinġabar, tiġi pproċessata u tinżamm b'mod sikur. Il-Portal Ewropew tal-Ġustizzja Elettronika huwa protett b'għadd ta' miżuri tekniċi. Il-ġestjoni stretta tar-rwoli u d-drittijiet tigarantixxi li l-utenti awtentikati jkollhom biss il-livell ta' aċċess u l-permessi meħtieġa. It-tranżazzjonijiet tad-dejta kollha jsiru b'konnessjonijiet kriptati. L-aċċess remot u fiżiku għall-bażi ta' dejta tal-Portal huwa protett permezz ta' segmentazzjoni tan-netwerk, firewalls u mekkaniżmi addizzjonali pprovduti miċ-ċentru tad-dejta tal-Kummissjoni. Barra mill-aċċess iprovdut fl-ambitu tal-karatteristiċi intiżi tiegħu, l-aċċess għal dejta personali fil-Portal Ewropew tal-Ġustizzja Elettronika huwa permess biss lil grupp ristrett ta' utenti kif deskritt aktar 'il fuq skont il-punt 2.5 "Min għandu aċċess għad-dejta?"

Id-dejta personali inkluża fil-komunikazzjoni bejn l-utent u l-qorti tinżamm f'forma kriptata f'bażi ta' dejta separata tal-Kummissjoni.

2.8. L-aċċess għad-dejta personali tiegħek

F'każ li tkun trid tivverifika x'dejta personali qed tinżamm f'ismek mill-kontrollur responsabbli, jew jekk tkun trid timmodifikaha, tikkoreġiha jew tħassarha, ibgħat ittra elettronika fl-indirizz tal-kaxxa postali elettronika funzjonali msemmi aktar 'l isfel taħt "Informazzjoni ta' Kuntatt", billi tispeċifika espliċitament it-talba tiegħek. Talbiet b'għal dawn jiġu indirizzati fi żmien 10 ijiem mid-data tal-wasla għand il-kontrollur tad-dejta.

2.9. Informazzjoni ta' kuntatt

Il-Portal Ewropew tal-Ġustizzja huwa ġestit mid-Direttorat Ġenerali għall-Ġustizzja u l-Konsumaturi tal-Kummissjoni Ewropea, l-Unità B.4. Il-persuna responsabbli (il-kontrollur) hija Cristian NICOLAU, il-Kap tal-Unità.

L-indirizz ta' kuntatt għall-Portal Ewropew tal-Ġustizzja Elettronika huwa:

European Commission
Directorate General Justice and Consumers
Unit B4 E-Justice, IT and document management
B-1049 Brussels
Belgium

✉ JUST-E-JUSTICE@ec.europa.eu

Jekk trid tressaq ilment kontra kwalunkwe att tal-ipproċessar tad-dejta mwettaq taħt ir-responsabbiltà tal-Kummissjoni, tista' tikkuntattja l-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Dejta:

European Data Protection Supervisor (EDPS)
60 Rue Wiertz (MO 63)
B-1047 Brussels
Belgium

tel: +32 2 283 19 00
faks +32 2 283 19 50

[^ Fuq](#)

3. Regoli dwar il-protezzjoni ta' dejta personali

L-Unjoni Ewropea hija impenjata li tiżgura l-privatezza tal-utent. Il-politika dwar il-"protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar tad-dejta personali mill-istituzzjonijiet tal-Komunità" hija bbażata fuq ir-Regolament (KE) Nru 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018.

Din il-politika ġenerali tkopri l-familja ta' Siti Web istituzzjonali tal-Unjoni Ewropea, bid-dominju .eu.

Għalkemm tista' tibbrawżja f'ħafna minn dawn is-Siti Web mingħajr ma tagħti l-ebda informazzjoni dwarek innifsek, f'xi każijiet, tkun meħtieġ tagħti informazzjoni personali biex jiġu pprovduti s-servizzi elettroniċi li tkun qed titlob.

Is-Siti Web li jirrikjedu informazzjoni ta' dan it-tip jittrattawha skont il-politika spjegata fir-Regolament imsemmi hawn fuq u jipprovdu informazzjoni dwar l-użu tad-dejta tiegħek fl-istqarrijiet speċifiċi tagħhom dwar il-politika tal-privatezza.

F'dan ir-rigward:

- Għal kull servizz elettroniku speċifiku, kontrollur jiddetermina l-għanijiet u l-mezzi tal-ipproċessar tad-dejta personali u jiżgura l-konformità tas-servizz elettroniku speċifiku mal-politika tal-privatezza;
- F'kull istituzzjoni, l-Uffiċjal tal-Protezzjoni tad-Dejta jiżgura li d-dispożizzjonijiet tar-Regolament jiġu applikati u jagħti pariri lill-kontrolluri dwar it-tweġġ tad-dmirijiet tagħhom (ara l-Art. 43-45 tar-Regolament);
- Għall-istituzzjonijiet kollha, l-Uffiċjal Ewropew tal-Protezzjoni tad-Dejta jaġixxi bħala awtorità superviżorja indipendenti (ara l-Art. 52 sa 60 tar-Regolament).
- Il-familja ta' Siti Web istituzzjonali tal-Unjoni Ewropea, bid-dominju .eu, jipprovdu ħoloq għal siti terzi. Peress li ma nikkontrollawhomx, inhegġguk taqra l-politiki tal-privatezza tagħhom.

X'inhu servizz elettroniku?

Servizz elettroniku fuq EUROPA huwa servizz jew riżorsa disponibbli fuq l-internet biex ittejjeb il-komunikazzjoni bejn iċ-ċittadini u n-negozji minn naħa u l-Istituzzjonijiet Ewropej min-naħa l-oħra.

Tliet tipi ta' servizzi elettroniċi huma jew se jkunu offruti mill-EUROPA:

1. Is-servizzi ta' informazzjoni li jipprovdu liċ-ċittadini, il-midja, in-negozji, l-amministrazzjonijiet u oħrajn li jieħdu d-deċiżjonijiet b' aċċess ħafif u effettiv għall-informazzjoni, b'tali mod li jiżiedu t-trasparenza u l-ftehim tal-politiki u l-attivitajiet tal-UE;
2. Is-servizzi ta' komunikazzjoni interattivi li jippermettu kuntatti aħjar maċ-ċittadini, in-negozji, is-soċjetà ċivili u l-atturi pubbliċi b'tali mod li jiffaċilitaw konsultazzjonijiet politiki, u mekkaniżmi ta' rispons, sabiex jikkontribwixxu għat-tfassil tal-politiki, l-attivitajiet u s-servizzi tal-UE;
3. Is-servizzi ta' tranżazzjonijiet li jippermettu l-aċċess għall-forom bażiċi kollha ta' tranżazzjonijiet mal-UE, eż. akkwisti, operazzjonijiet finanzjarji, reklutaġġ, reġistrazzjoni għal avveniment, akkwist jew xiri ta' dokumenti, eċċ.

Informazzjoni fi stqarrija speċifika ta' privatezza.

Stqarrija speċifika tal-politika ta' privatezza jkollha l-informazzjoni li ġejja dwar l-użu tad-dejta tiegħek:

- X'informazzjoni tinġabar, għal-liema skop u b'liema mezzi tekniċi l-UE tiġbor informazzjoni personali esklużivament sa fejn ikun hemm bżonn biex jintlaħaq skop speċifiku. L-informazzjoni ma tintużax għal skop inkompatibbli;
- Lil min tiġi żvelata l-informazzjoni tiegħek. L-UE tiżvela biss l-informazzjoni lil terzi persuni jekk dan ikun meħtieġ biex jintlaħaq /jintlaħqu l-iskop(ijiet) identifikat(i) hawn fuq u lir-riċevituri (jew kategoriji ta' riċevituri) imsemmija. L-UE ma tiżvelax id-dejta personali tiegħek għal skopijiet ta' kummerċ dirett;
- Kif tista' taċċedi l-informazzjoni tiegħek, tivverifika l-eżattezza tagħha u, jekk meħtieġ, tikkoreġiha. Bħala suġġett ta' dejta int għandek ukoll id-dritt li toġġezzjona għall-ipproċessar tad-dejta personali tiegħek għal raġunijiet leġittimi konvinċenti barra

meta jiġi miġbur biex jitwettaq obbligu legali, jew ikun hemm bżonnha għat-tweqqi ta' kuntratt li inti parti fih, jew tkun se tintuża għal għan li inti tajt il-kunsens anambigwu tiegħek għalih;

- Kemm iddum tinżamm id-dejta tiegħek. L-UE żżomm biss dejta għaż-żmien meħtieġ biex jintlaħaq l-iskop tal-ġbir jew tkompli ta' ipproċessar;
- X'inhuma l-miżuri ta' sigurtà meħuda biex it-tagħrif tiegħek jiġi ssalvagwardjat mill-possibbiltà ta' użu ħażin jew aċċess mhux awtorizzat;
- Lil min għandek tikkuntattja jekk ikollok mistoqsijiet jew ilmenti.

Europa Analytics

Europa Analytics huwa s-servizz korporattiv li jkejjel l-effikaċja u l-effiċjenza tas-siti web tal-Kummissjoni Ewropea fuq EUROPA.

B'mod awtomatiku, il-viżitaturi tas-sit ikunu rintraċċati bl-użu ta' cookies persistenti tal-ewwel parti minn Europa. Tista' tagħżel li ma tiġix rintraċċat minn Piwik (esklużjoni fakultattiva). Jekk tibdel fehmtek, tista' terġa' tagħżel li tkun rintraċċat minn Piwik (inklużjoni fakultattiva).

Biex tara l-istatus attwali tiegħu u tagħmel l-għażla tiegħek, immarka l-kaxxa korrispondenti fit-test li jidher taħt.

L-għażla li ma tkunx rintraċċat minn Piwik ma taffettwax l-esperjenza ta' navigazzjoni tiegħek fis-siti Europa.

[Iktar informazzjoni dwar Europa Analytics](#)

X'nagħmlu bl-ittra elettronika li tibagħtulna?

Il-paġni web għandhom foqra għar-"Rispons tiegħek", li tippermettitek tibgħat il-kummenti tiegħek f'kaxxa elettronika funzjonali speċifika. Meta tibgħat messaġġ ta' dan it-tip, id-dejta personali tinġabar mingħand id-destinatarju biss sal-punt li jkollu bżonn biex iwieġeb. Jekk it-tim tal-ġestjoni tal-kaxxa elettronika ma jkunx jista' jwieġeb, jgħaddi l-ittra elettronika tiegħek lil xi servizz ieħor. Tiġi infurmat, permezz ta' ittra elettronika, dwar liem servizz ikun ingħaddietlu d-domanda tiegħek. Is-sit web ma jżomm rekord tal-iskambji bil-posta elettronika li jkunu seħħew permezz ta' din il-funzjonalità.

Jekk ikollok xi domandi dwar l-ipproċessar tal-ittra elettronika tiegħek u d-dejta personali relatata magħha, inkludihom fil-messaġġ tiegħek.

[Fuq](#)

4. Avviż tad-dritt tal-awtur

© L-Unjoni Ewropea (2018)

L-użu mill-ġdid ta' dokumenti miżmuma mill-Kummissjoni jew f'isimha mill-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej (l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet) huwa suġġett għall-kundizzjonijiet determinati fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tas-7 ta' April 2006 (2006/291/KE, Euratom) dwar l-użu mill-ġdid tal-informazzjoni tal-Kummissjoni. L-użu mill-ġdid ta' dokumenti huwa bla ħlas.

Ir-riproduzzjoni hija awtorizzata, dment li ssir referenza għas-sors, għajr fejn jiġi stabbilit mod ieħor. Meta għar-riproduzzjoni jew l-użu ta' informazzjoni testwali jew multimedjali (f'oss, stampi, softwer, eċċ.) ikun meħtieġ permess minn qabel, dak il-permess jikkancelła l-permess ġenerali msemmi hawn fuq u għandu jindika b'mod ċar ir-restrizzjonijiet tal-użu.

© Ir-Renju tal-Belġju (2018)

L-użu mill-ġdid tal-informazzjoni li tinsab fil-paġni Belġjani nazzjonali ta' dan is-sit web huwa suġġett għal-leġiżlazzjoni Belġjana fis-seħħ, b'mod partikolari l-Att tat-30 ta' Ġunju 1994 dwar id-dritt tal-awtur u drittijiet relatati. Dan ifisser li sakemm ma jiġix speċifikat mod ieħor l-użu mill-ġdid ta' dik l-informazzjoni jeħtieġ il-permess minn qabel tad-detenturi tad-dritt tal-awtur. B'konformità mal-Artikolu 8(2) tal-istess liġi, l-atti uffiċjali ta' awtorità pubblika ma jwasslux għal dritt tal-awtur. Atti uffiċjali ta' awtorità pubblika huma dawk li għandhom effett legali (liġijiet, proċeduri parlamentari, deċiżjonijiet tal-qrati u t-tribunali, eċċ.). L-Artikolu 21(1) jiddikjara li "l-kwotazzjonijiet meħuda minn xogħol ippubblikat skont il-liġi għal skopijiet ta' kritika, kontroversja, reviżjoni jew taġġid, jew biex jiddaħħal f'xogħol akkademiku, skont il-prassi ġusta tal-professjoni u sa dak il-punt iġġustifikat mill-iskop intenzjonat, ma jkunsux id-drittijiet tal-awtur. Kwotazzjonijiet bħal dawk imsemmija fil-paragrafu preċedenti għandhom ikunu akkumpanjati minn referenzi għas-sors u għal isem l-awtur, sakemm dan ma jkunx impossibbli".

Il-paġni tal-internet li l-paġni Belġjani nazzjonali tal-portal tal-ġustizzja elettronika jirreferu għalihom huma suġġetti għall-klawżoli tad-dritt tal-awtur tagħhom stess. Il-qrati Belġjani għandhom il-ġurisdizzjoni jisimgħu kull rikors dwar id-drittijiet tal-awtur b'rabta mad-dejta li jkun hemm referenza għaliha fil-paġni Belġjani nazzjonali.

© Ir-Repubblika tal-Bulgarija (2018)

L-informazzjoni pprovduta mill-gvern tar-Repubblika tal-Bulgarija hija pubblika. L-informazzjoni li hija ppubblikata fuq il-paġni Bulgari tal-Portal Ewropew tal-Ġustizzja Elettronika hija disponibbli b'xejn u tista' tiġi mniżżla/riprodotta/tradotta/adattata f'kull edizzjoni, forma u midja għal skopijiet mhux kummerċjali bl-eċċezzjoni ta' materjali li fihom hija prevista klawżola espliċita ta' protezzjoni tad-drittijiet tal-awtur jew li għalihom jeħtieġ kunsens minn qabel tad-detentur tad-dritt tal-awtur.

© Ir-Repubblika Ċeka (2018)

L-użu mill-ġdid ta' dokumenti miżmuma mill-Gvern tar-Repubblika Ċeka jew minn entitajiet terzi f'ismu li jidhru fuq dan is-sit web huwa suġġett għar-regoli nazzjonali dwar id-drittijiet tal-awtur sakemm ma jkunx indikat mod ieħor. Ir-riproduzzjoni tal-kontenut dwar il-paġni Ċeki hija awtorizzata, sakemm is-sors jiġi rikonossut, għajr meta jiġi stipulat mod ieħor u jista' biss jiġi riprodott għal raġunijiet mhux kummerċjali.

Meta għar-riproduzzjoni jew l-użu ta' informazzjoni testwali jew multimedjali (f'oss, stampi, softwer, eċċ.) ikun meħtieġ permess minn qabel, dak il-permess jikkonċerna l-permess ġenerali msemmi hawn fuq u għandu jindika b'mod ċar ir-restrizzjonijiet tal-użu.

© Ir-Renju tad-Danimarka (2018)

L-informazzjoni dwar il-Portal tal-Ġustizzja Elettronika pprovduta mill-Gvern Daniż mhijiex suġġetta għall-kundizzjonijiet tad-drittijiet tal-awtur.

© Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja (2018)

L-użu mill-ġdid minn terzi persuni, ta' dokumenti li jidhru fuq dan is-sit web u li huma miżmuma mir-Repubblika Federali tal-Ġermanja, huwa protett bir-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur kif stabbiliti skont il-liġi Ġermaniża, l-Unjoni Ewropea u l-konvenzjonijiet internazzjonali. Ma nassumu l-ebda responsabbiltà għall-kompletezza, żbalji editorjali u tekniċi, omissjonijiet jew l-eżattezza tal-informazzjoni fuq dan is-sit web.

B'mod partikolari ma nagħtu l-ebda garanzija, espliċita jew implikata, fejn tidħol il-kompletezza jew il-preċiżjoni ta' informazzjoni miksuba permezz ta' ħoloq għas-siti web esterni.

L-operaturi tas-siti web huma responsabbli għall-kontenut li jagħmlu disponibbli għall-użu fuq is-siti web tagħhom stess, suġġett għad-dispożizzjonijiet tal-liġi ġenerali. Dan il-"kontenut proprju" għandu jiġi distint minn ħoloq għal kontenut iprovdut minn operaturi ta' siti web esterni.

Il-ħoloq għall-kontenut ta' siti web esterni huma pprovduti biss għal skopijiet ta' informazzjoni.

Ir-responsabbiltà għall-kontenut ta' siti web esterni taqa' unikament fuq il-fornitur ta' dak il-kontenut. Is-siti web esterni jiġu miflija bir-reqqa u ċċekkati bl-aħjar mod possibbli għalina qabel ma tiddaħħal ħolqa għalihom. Madankollu, ma nagħtu l-ebda garanzija, espliċita jew implikata, fejn tidħol il-kompletezza jew il-preċiżjoni tal-informazzjoni li tinkiseb minn ħoloq esterni. Il-kontenut ta' siti web esterni jistgħu jinbidlu f'kull ħin mingħajr l-għarfien tal-gvern Ġermaniż.

Fir-rigward tal-ħoloq kollha pprovduti f'dan is-sit web, aħna niddikjaraw b'mod espliċitu li m'għandna l-ebda kontroll fuq id-disinn u l-kontenut tas-siti web esterni li wieħed jista' jaċċedi għalihom permezz tal-ħoloq fuq dan is-sit web; barra minn hekk, dawn il-ħoloq ma jimplikawx approvazzjoni tas-siti web illinkjati jew tal-kontenut tagħhom. Din id-dikjarazzjoni tapplika għall-paġni kollha fuq dan is-sit web u għall-ħoloq kollha li jinsabu hemmhekk.

Jekk jogħġbok informa lill-punt ta' kuntatt Ġermaniż fuq redaktion@justiz.de jekk ikun hemm xi ħoloq li jwasslu għal siti web li jkollhom kontenut oġġezzjonabbli.

L-istaff editorjali onlajn tal-paġni nazzjonali Ġermaniżi jirreżerva d-dritt, mingħajr avviż minn qabel, li jbidel, jissupplimenta jew ineħħi l-informazzjoni pprovduta fuq dan is-sit web.

Għal iktar informazzjoni żur din [il-ħolqa](#).

© Ir-Repubblika tal-Estonja (2018)

L-informazzjoni pprovduta mill-gvern tar-Repubblika tal-Estonja hija suġġetta għall-kundizzjonijiet tad-drittijiet tal-awtur. L-informazzjoni li hija ppubblikata fuq il-paġni tar-Repubblika tal-Estonja tal-Portal Ewropew tal-Ġustizzja Elettronika, madankollu, hija disponibbli bla ħlas u tista' tiġi mniżżla/riprodotta/tradotta/adattata f'kull edizzjoni, forma u midja għal raġunijiet kummerċjali jew mhux kummerċjali sakemm is-sors tal-materjal ikun identifikat u l-istatus tagħha dwar id-drittijiet tal-awtur tiġi rikonossuta. Il-kontenut użat mill-paġni tar-Repubblika tal-Estonja tal-Portal Ewropew tal-Ġustizzja Elettronika jrid jiġi riprodott b'mod preċiż u ma jridx jintuża f'kuntest qarrieqi.

© L-Irlanda (2018)

Il-materjal li jidher fuq dan is-sit riprodott mill-Irlanda huwa suġġett għad-drittijiet tal-awtur tal-Gvern tal-Irlanda, skont l-Atti tal-2000 dwar id-Dritt tal-Awtur u d-Drittijiet Relatati. Il-materjal jista' jitniżżel għall-iffajjar u l-istampar għal użu personali biss. Meta dan jinftaħ lil oħrajn għandhom jiġu rikonnoxxuti s-sors u l-istatus tad-drittijiet tal-awtur.

Il-permess li jiġi riprodott il-materjal tad-drittijiet tal-awtur tal-Gvern tal-Irlanda ma jestendix għal kull materjal f'dan is-sit li jista' jkun il-proprjetà ta' terzi. Il-permess ta' riproduzzjoni ta' dan il-tali materjal irid jinkiseb mid-detenturi tad-drittijiet tal-awtur ikkonċernati.

© Ir-Repubblika Ellenika (2018)

L-informazzjoni dwar il-Portal Ewropew tal-Ġustizzja Elettronika pprovduta mill-Gvern tal-Greċja mhijiex suġġetta għall-kundizzjonijiet tad-drittijiet tal-awtur. Ċerti ħoloq esterni, madankollu, jistgħu jkunu suġġetti għal-liġi dwar id-drittijiet tal-awtur. Meta għar-riproduzzjoni jew l-użu ta' informazzjoni testwali jew multimedjali (foss, stampi, softwer, eċċ.) ikun meħtieġ permess minn qabel, dak il-permess jikkonċerna l-permess ġenerali msemmi hawn fuq u għandu jindika b'mod ċar ir-restrizzjonijiet tal-użu.

© Il-Ministeru tal-Ġustizzja Spanjol (2018)

L-aċċess għall-kontenut u l-użu tal-kontenut iprovdut minn Spanja fil-Portal Ewropew tal-Ġustizzja Elettronika, l-informazzjoni li hemm fiha u l-ħoloq meħmuża u s-servizzi huma l-prerogattiva tal-Ministeru tal-Ġustizzja jew il-korpi li jikkollaboraw miegħu u huma protetti mid-drittijiet xierqa tal-awtur u tal-proprjetà industrijali. L-użu, ir-riproduzzjoni, id-distribuzzjoni, il-komunikazzjoni lill-pubbliku jew it-trasformazzjoni ta' dan il-kontenut jew kull attività simili oħra huma pprojbiti mingħajr il-permess espliċitu mill-Ministeru tal-Ġustizzja. Il-liċenzja tal-utent li juża kull kontenut minn dan il-portal hija limitata għat-tniżżil u l-użu privat ta' dak il-kontenut, sakemm jibqa' bla mittiefes.

© Ir-Repubblika Françiża (2018)

ID-DRITTIJET TAL-PROPRJETÀ INTELLETTWALI

Il-kontenut ta' dan is-sit web huwa l-proprjetà esklussiva tal-Ministeru tal-Ġustizzja u l-Libertajiet u/jew tal-awturi jew tad-detenturi tad-drittijiet tal-awtur, u huwa protett bil-leġiżlazzjoni Françiża u internazzjonali applikabbli dwar id-drittijiet ta' proprjetà u, b'mod partikolari, bid-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi Françiż dwar il-Proprjetà Intellettuali.

Dan japplika fost affarijiet oħrajn għall-karatteristiċi editorjali tas-sit web, għall-preżentazzjoni tal-iskrins u għas-softwer meħtieġ għall-użu ta' dan is-sit, u għal-logos, l-istampi, ir-ritratti u l-grafiċi ta' kull tip.

Il-Ministeru tal-Ġustizzja u tal-Libertajiet jawtorizza lill-utenti biex jaraw il-kontenut biss; dan jeskludi, b'mod partikolari, l-użu mill-ġdid tal-kontenut kollu jew parti minnu fis-sit għal kull skop.

Ir-riproduzzjoni hija awtorizzata biss f'forma diġitali, fuq il-komputer użat li jintuża għall-aċċess tas-sit, għall-fini tal-ivviżwalizzar tal-paġni kkonsultati mis-softwer ta' navigazzjoni tal-utent.

Kull rappreżentazzjoni totali jew parzjali tas-sit web minn kwalunkwe kumpanija mingħajr il-permess espliċitu tal-Ministeru tal-Ġustizzja u tad-Libertajiet hija pprojbita, u tikkostitwixxi falsifikazzjoni fis-sens tal-Artikoli L.335-2 et seq. tal-Kodiċi Françiż dwar il-Proprjetà Intellettuali.

Il-ħolqa għall-[Kodiċi Françiż dwar il-Proprjetà Intellettuali](#).

Il-kapitolu tal-Kodiċi dwar is-sanzjonijiet penali jistgħu jiġu aċċessati [hawnhekk](#).

© Ir-Repubblika Taljana (2018)

L-użu mill-ġdid ta' dokumenti miżmuma mill-Ministeru tal-Ġustizzja Taljana u minn istituzzjonijiet pubbliċi oħra jew f'isimhom minn entitajiet terzi msemmija fuq dan is-sit web huwa suġġett għar-regoli nazzjonali dwar id-drittijiet tal-awtur sakemm ma jiġix indikat mod ieħor.

Ir-riproduzzjoni tal-kontenut tal-paġni tal-Ministeru tal-Ġustizzja Taljana u ta' istituzzjonijiet pubbliċi oħra hija awtorizzata, sakemm jiġi rikonnoxxut is-sors, salv fejn dikjarat mod ieħor.

Meta għar-riproduzzjoni jew l-użu ta' informazzjoni testwali jew multimedjali (foss, stampi, softwer, eċċ.) ikun meħtieġ permess minn qabel, dak il-permess jikkonċerna l-permess ġenerali msemmi hawn fuq u għandu jindika b'mod ċar ir-restrizzjonijiet tal-użu.

© Ir-Repubblika ta' Ċipru (2018)

L-użu mill-ġdid ta' dokumenti miżmuma minn Ċipru jew f'ismu minn entitajiet terzi msemija f'dan is-sit web huwa suġġett għar-regoli nazzjonali dwar id-drittijiet tal-awtur sakemm ma jiġix indikat mod ieħor. Ir-riproduzzjoni tal-kontenut fuq il-paġni Ċiprijotti hija awtorizzata, dment li ssir referenza għas-sors, għajr fejn jiġi stabbilit mod ieħor. Meta għar-riproduzzjoni jew l-użu ta' informazzjoni testwali jew multimedjali (ħoss, stampi, softwer, eċċ.) ikun meħtieġ permess minn qabel, dak il-permess jegħleb il-permess ġenerali msemmi hawn fuq u għandu jindika b'mod ċar ir-restrizzjonijiet tal-użu.

© Ir-Repubblika tal-Latvja (2018)

L-informazzjoni pprovduta mill-gvern tal-Latvja hija pubblika u mhijiex suġġetta għal kundizzjonijiet tad-drittijiet tal-awtur. F'dak ir-rigward, l-informazzjoni li tiġi ppubblikata fuq il-paġni Latvjani tal-Portal Ewropew tal-Ġustizzja Elettronika hija disponibbli bla ħlas u tista' tiġi mniżżla/riprodotta/tradotta/adattata fil-edizzjonijiet, fil-forom u fil-midja kollha għal skopijiet kummerċjali u mhux kummerċjali.

© Il-Ministeru għall-Ġustizzja tar-Repubblika tal-Litwanja (2018)

L-informazzjoni pprovduta mir-Repubblika tal-Litwanja hija mħarsa mil-Liġi Litwana dwar id-drittijiet tal-awtur u d-drittijiet relatati u tkun tista' tintuża b'mod ħieles sakemm jiġi rikonoxxut is-sors.

© Il-Gran Dukat tal-Lussemburgu (2018)

Ir-riproduzzjoni tal-kontenut u l-informazzjoni ppreżentati fil-paġni tal-Lussemburgu u li huma miżmuma mill-Istat tal-Lussemburgu jew minn partijiet oħra, sakemm ma jkunx indikat mod ieħor, huma suġġetti għal-liġi tal-Lussemburgu.

Sakemm ma jiġix speċifikat mod ieħor, ir-riproduzzjoni tal-informazzjoni li fihom il-paġni Lussemburġi hija awtorizzata għal skopijiet mhux kummerċjali sakemm is-sors ikun ċitat espliċitament.

Meta jeħtieġ il-permess minn qabel għar-riproduzzjoni jew l-użu ta' informazzjoni testwali jew multimedjali (ħsejjes, immaġni, softwer, eċċ.), dik l-istipulazzjoni tikkanċella l-permess ġenerali u, jekk ikun meħtieġ, tindika kull restrizzjoni għall-użu.

L-Istat tal-Lussemburgu jirrifjuta li jaċċetta kull responsabbiltà fir-rigward tal-użu tal-informazzjoni misjuba fil-paġni tal-Lussemburgu. Għandu jiġi nnotat li l-informazzjoni ppubblikata f'dawn il-paġni mhijiex neċessarjament kompluta, eżawrjenti, eżatta jew aġġornata. Fil-każ li jkun hemm diskrepanzi bejn it-testi ppubblikati f'dawn il-paġni u fid-dokumenti oriġinali, ikunu applikabbli d-dokumenti oriġinali kif ippubblikati fil-[Mémorial](#).

Xi kultant il-paġni tal-Istat tal-Lussemburgu jirreferu għal paġni li jkunu f'idejn partijiet oħrajn li l-Istat tal-Lussemburgu ma jkollu l-ebda kontroll fuqhom u li fir-rigward tagħhom huwa jirrifjuta li jaċċetta kull responsabbiltà.

L-Istat tal-Lussemburgu ma jaċċetta l-ebda responsabbiltà għal kull ħsara kkawżata fuq il-faċilità tal-kompjuter tal-utent mill-paġni li jieħu ħsiebhom l-Istat tal-Lussemburgu jew oħrajn.

L-Istat tal-Lussemburgu ma jaċċetta l-ebda responsabbiltà fil-każ li s-servizz mogħti minn dawn il-paġni jiġi sospiż, anke temporanjament.

Mhuwiex l-iskop ta' dawn id-dikjarazzjonijiet ta' ċaħda ta' responsabbiltà li jitwarrbu r-rekwiżiti tal-leġiżlazzjoni applikabbli, jew li tiġi eskluża r-responsabbiltà f'każijiet fejn din ma tistax tiġi eskluża f'konformità mal-leġiżlazzjoni li ssemmiet qabel.

© L-Ungerija (2018)

L-użu mill-ġdid ta' dokumenti miżmuma mill-Ungerija jew f'isimha minn entitajiet terzi msemija fuq dan is-sit web huwa suġġett għal-leġiżlazzjoni Ungeriża dwar id-drittijiet tal-awtur sakemm ma jiġix indikat mod ieħor. Ir-riproduzzjoni privata u uffiċjali tal-kontenut fuq il-paġni Ungeriżi hija awtorizzata, dment li jissema s-sors, għajr fejn jiġi stabbilit mod ieħor. Kull użu ieħor jirrikjedi l-permess minn qabel tad-detentur tad-dritt.

© Ir-Repubblika ta' Malta (2018)

Id-Dritt tal-Awtur/Il-Permess ta' Riproduzzjoni

Il-Gvern ta' Malta, flimkien mal-Ministeri u d-Dipartimenti tiegħu, kif ukoll l-Awtoritajiet u l-awturi tas-siti web, jagħmlu kull sforz biex iżommu l-eżattezza tal-informazzjoni fuq dan is-sit web imma ma jistgħux jiggarrantixxu li l-informazzjoni li tidher fuq xi siti web tagħhom jew ta' ħoloq esterni tkun kompluta, attwali u korretta u għalhekk jisħqu li l-informazzjoni li tinstab hemm ma għandhiex titqies bħala informazzjoni korretta u kompluta fuq kull suġġett. Lanqas ma tista' tiġi assicurata l-kwalità u l-aċċessibilità kontinwa jew li ma jkunx hemm interruzzjonijiet minħabba raġunijiet tekniċi. Għalhekk, ma jistgħux jaċċettaw responsabbiltà għal kull

preġudizzju, telf jew ħsara li tista' ssewv mill-użu tal-informazzjoni, billi l-informazzjoni murija hija intiża unikament bħala gwida ġenerali. Il-Gvern ta' Malta jirriżerva d-dritt li jbidel, iżid jew ineħvi partijiet jew paġni sfaħ, mingħajr ma javża speċifikament dwar dan, għal perjodu temporanju.

Il-Gvern ta' Malta, flimkien mal-Ministeri u d-Dipartimenti tiegħu, kif ukoll l-Awtoritajiet u l-awturi tas-siti web, ma jipprovdux kontroll ta' kwalità ta' ħoloq esterni. L-inklużjoni tal-isem ta' kull kumpanija jew negozjant fil-paġni ma għandhiex tinftiehem bħala rakkomandazzjoni tal-prodotti u/jew is-servizzi ta' dik il-kumpanija jew ta' dak in-negozjant.

Dawn il-paġni mhumiex intenzjonati li jagħtu pariri legali. Din tibqa' l-prerogattiva tal-professjoni legali.

Jekk tidentifika xi informazzjoni fuq dan is-sit li tkun inkorretta jew qarrieqa, ibgħat [ittra elettronika lill-webmaster](#) dwarha, jew uża [l-formola ta' rispons](#).

Il-materjal fuq dan is-sit web huwa kopert mid-dispożizzjonijiet tal-Att dwar id-Drittijiet tal-Awtur, tal-Liġijiet ta' Malta, tal-politiki u tar-regolamenti u ta' kull ftehim internazzjonali li jsemmi l-Gvern ta' Malta. L-informazzjoni f'dan is-sit web hija disponibbli għal użu personali u għal użu pubbliku mhux kummerċjali. Għal dawn iż-żewġ skopijiet, tista' tiġi riprodotta mingħajr ħlas jew permess ieħor mill-Gvern ta' Malta sakemm il-materjal riprodott ikun kopja vera tal-oriġinal u l-Gvern ta' Malta ikun identifikat bħala s-sors tiegħu. Il-materjal riprodott ma jista' bl-ebda mod jiġi rrappreżentat bħala l-verżjoni uffiċjali, lanqas bħala prodott flimkien ma' jew bil-kunsens tal-Gvern ta' Malta.

© Ir-Renju tan-Netherlands (2018)

Informazzjoni li tkun disponibbli għall-pubbliku u li tkun inġat mill-Gvern tan-Netherlands mhijiex suġġetta għal kundizzjonijiet tad-drittijiet tal-awtur **sakemm dan ma jiġix iddikjarat**. F'dak ir-rigward, l-informazzjoni li tiġi ppubblikata fuq il-paġni Netherlandiżi tal-Portal Ewropew tal-Ġustizzja Elettronika hija disponibbli bla ħlas u tista' tiġi mniżżla / riprodotta / tradotta / adattata fl-edizzjonijiet, fil-forom u fil-midja kollha għal skopijiet kummerċjali u mhux kummerċjali **għajr meta fl-informazzjoni / fxi parti mill-informazzjoni pprovduta tiġi inkluzja klawżola tad-drittijiet tal-awtur**.

© Ir-Repubblika tal-Awstrija (2018)

L-artikli kollha ppubblikati fuq dan is-sit web huma protetti bid-drittijiet tal-awtur, bid-drittijiet kollha riżervati.

L-informazzjoni ppreżentata fuq il-paġni Awstrijaċi tal-Portal Ewropew tal-Ġustizzja Elettronika hija kkunsidrata informazzjoni pubblika u tista' tiġi distribwita jew ikkupjata, sakemm din ma tiġix użata għal raġunijiet kummerċjali u s-sors jiġi indikat.

Filwaqt li l-Ministeru Federali tal-Ġustizzja (BMJ) jagħmel sforzi raġonevoli biex jinkludi informazzjoni preċiża u aġġornata fuq il-paġni Awstrijaċi tal-Portal Ewropew tal-Ġustizzja Elettronika, il-Ministeru ma jieħu l-ebda responsabbiltà fir-rigward tal-preċiżjoni, it-tempestività jew il-kompletezza ta' dik l-informazzjoni jew għal informazzjoni fuq siti web oħra li jkun forna xi ħoloq għalihom. L-iskoperta ta' żbalji eventwali tagħti lok għal korrezzjoni mill-aktar fis possibbli.

L-informazzjoni fornuta permezz tal-paġni Awstrijaċi tal-Portal Ewropew tal-Ġustizzja Elettronika hija ta' karattru ġenerali u mhijiex, għalhekk, adattata għar-rekwiżiti individwali speċifiċi ta' persuni, entitajiet jew orgnaizzazzjonijiet; mhijiex neċessarjament preċiża, kompluta jew aġġornata; hija parzjalment konnessa ma' siti web oħra li la huma influwenzati minn u lanqas fiż-żona ta' responsabbiltà tal-BMJ. Din l-informazzjoni m'għandhiex l-għan li tissostitwixxi s-servizz ta' konsulenza (legali) professjonali. Jekk qiegħed tfittex konsulenza personali, ikkuntattja l-ewwel u qabel kollox espert fil-qasam tal-kwistjoni rispettiva. Jekk għandek mistoqsijiet dwar il-proċedimenti tiegħek fil-qorti, ikkuntattja l-qorti li għandha ġurisdizzjoni. Ir-rikjesti quddiem qorti jew awtorità kompetenti għandhom isiru l-ewwel f'kull każ fir-rigward ta' mozzjonijiet jew rikorsi li jridu jsiru f'terminu partikolari.

Aħna ma niggarantux li dokument li huwa aċċessibbli permezz tal-paġni Awstrijaċi tal-Portal Ewropew tal-Ġustizzja Elettronika jikkorrispondi eżattament mat-test adottat uffiċjalment. Huma biss l-atti tar-Repubblika tal-Awstrija li huma ppubblikati bil-mod preskritt mil-liġi fil-"Gazzetta dwar il-Liġi Federali tar-Repubblika tal-Awstrija" (Bundesgesetzblatt der Republik Österreich) li huma legalment vinkolanti.

Xi dokumenti li wieħed jista' jaċċedi għalihom mill-paġni Awstrijaċi tas-sit tal-Portal Ewropew tal-Ġustizzja Elettronika jirreferu għal informazzjoni fornuta minn organizzazzjonijiet oħra. Il-BMJ, madanakollu, ma jagħti l-ebda garanzija rigward il-preċiżjoni, it-tempestività jew il-korrettezza tad-dejta pprovduta.

© Il-Ministeru tal-Ġustizzja tal-Polonja (2018)

Il-kontenut ta' din is-sit web huwa għal skopijiet ta' informazzjoni ġenerali biss u ma jikkostitwix parir. Il-Ministeru tal-Ġustizzja ma jagħti l-ebda assikurazzjoni jew garanzija rigward il-preċiżjoni, it-tempestività, jew l-applikabbiltà ta' kull parti tal-kontenuti.

Il-Ministeru tal-Ġustizzja ma jassumi l-ebda responsabbiltà għall-informazzjoni f'dan is-sit web u ma jassumi l-ebda responsabbiltà fir-rigward ta' tali informazzjoni. Jistgħu japplikaw dikjarazzjonijiet ta' ċaħda ta' responsabbiltà jew avviżi tad-drittijiet tal-awtur speċifiċi flimkien ma' ċerti kontenuti jew partijiet tas-sit web. L-informazzjoni fil-paġni Polakki li mhijiex suġġetta għal dikjarazzjonijiet ta' ċaħda ta' responsabbiltà jew avviżi tad-drittijiet tal-awtur speċifiċi hija disponibbli b'xejn u tista' tiġi mniżżla /riprodotta/tradotta/adattata fl-edizzjonijiet, il-forom u l-midja kollha għal skopijiet kummerċjali jew mhux kummerċjali.

Il-Ministeru tal-Ġustizzja ma jaċċetta l-ebda responsabbiltà u jeskludi kull responsabbiltà marbuta mat-tfittxija fis-sit web, l-użu tal-informazzjoni jew it-tniżżil ta' kull materjal minnu, inkluża iżda mhux limitata għal kull responsabbiltà għal żbalji, ineżattezzi, omissjonijiet, jew dikjarazzjonijiet qarrieqa jew difamatorji. L-informazzjoni fuq dan is-sit web tista' tinkludi opinjonijiet jew perspettivi li, sakemm ma jiġix espressament iddikjarat mod ieħor, mhumiex neċessarjament dawk tal-Ministeru tal-Ġustizzja.

Dan is-sit web jinkludi ħoloq għal siti esterni li s-servizzi tal-Ministeru tal-Ġustizzja ma għandhom l-ebda kontroll fuqhom u li l-Ministeru tal-Ġustizzja ma jerfa l-ebda responsabbiltà dwarhom.

© Ir-Repubblika Portugiża (2018)

L-użu mill-ġdid, minn terzi ta' dokumenti li jinsabu f'dan il-portal u li huma proprjetà tal-Portugall huma protetti bid-drittijiet tal-awtur u drittijiet relatati u bid-drittijiet ta' proprjetà industrijali skont il-Liġi Portugiża, id-dritt tal-UE u l-ftehimiet internazzjonali applikabbli. L-informazzjoni li tinsab f'dan il-portal hija pubblika u, sakemm ma jiġix iddikjarat espressament mod ieħor, tista' tiġi riprodotta u użata mill-ġdid sakemm jiġi rikonoxxut is-sors. Meta tkun tinħtieġ awtorizzazzjoni minn qabel għar-riproduzzjoni jew l-użu ta' test jew informazzjoni multimedjatika (ħoss, stampi, programmi tal-kompjuter, eċċ.), il-permess ġeneriku msemmi hawn fuq mhuwiex applikabbli. Jista' jingħata permess speċifiku fuq talba għall-użu mill-ġdid u r-riproduzzjoni ta' dokumenti b'informazzjoni li, skont il-kundizzjonijiet stabbiliti, ma tistax tintuża mill-ġdid liberament. Permess speċifiku jistabbilixxi b'mod ċar ir-restrizzjonijiet li japplikaw għall-użu tad-dokumenti koperti minnu.

© Ir-Rumanija (2018)

L-użu mill-ġdid ta' dokumenti miżmuma mir-Rumanija jew f'isimha minn entitajiet terzi msemmija fuq dan is-sit web huwa suġġett għar-regoli nazzjonali dwar id-drittijiet tal-awtur sakemm ma jiġix indikat mod ieħor. Ir-riproduzzjoni tal-kontenut fuq il-paġni Rumani hija awtorizzata, dment li ssir referenza għas-sors, għajr fejn jiġi stabbilit mod ieħor. Meta għar-riproduzzjoni jew l-użu ta' informazzjoni testwali jew multimedjali (ħoss, stampi, softwer, eċċ.) ikun meħtieġ permess minn qabel, dak il-permess jikkanċella l-permess ġenerali msemmi hawn fuq u għandu jindika b'mod ċar ir-restrizzjonijiet tal-użu.

© Ir-Repubblika tas-Slovenja (2018)

L-użu mill-ġdid ta' dokumenti miżmuma mill-Gvern tas-Slovenja jew minn entitajiet terzi f'isimha li jidhru fuq dan is-sit web huwa suġġett għar-regoli nazzjonali dwar id-drittijiet tal-awtur sakemm ma jiġix indikat mod ieħor. Ir-riproduzzjoni tal-kontenut dwar il-paġni Sloveni hija awtorizzata, sakemm is-sors jiġi rikonoxxut, għajr meta jiġi pprovdut mod ieħor u jista' jiġi riprodott biss għal skopijiet li mhumiex kummerċjali.

Meta għar-riproduzzjoni jew l-użu ta' informazzjoni testwali jew multimedjali (ħoss, stampi, softwer, eċċ.) ikun meħtieġ permess minn qabel, dak il-permess jikkanċella l-permess ġenerali msemmi hawn fuq u għandu jindika b'mod ċar ir-restrizzjonijiet tal-użu.

© Ir-Repubblika Slovakka (2018)

L-użu mill-ġdid ta' dokumenti miżmuma mir-Repubblika Slovakka jew minn entitajiet terzi f'isimha li jidhru fuq dan is-sit web huwa suġġett għar-regoli Slovakki dwar id-drittijiet tal-awtur sakemm ma jiġix indikat mod ieħor. Il-limitazzjonijiet tad-drittijiet tal-awtur, id-drittijiet relatati mad-drittijiet tal-awtur u mad-dritt tad-database sui generis huma permessi biss f'każijiet speċjali stipulati fl-Att dwar id-Drittijiet tal-Awtur Nru 618/2003 Coll. kif emendat. L-użu jew it-tneħħija tas-suġġett skont l-Att dwar id-Drittijiet tal-Awtur ma jridux ikunu b'kunflitt mal-isfruttar maħsub normali u ma jridux jippreġudikaw b'mod mhux raġonevoli l-interessi leġittimi tad-detenturi tad-drittijiet. Fil-każijiet l-oħra għandu jinkiseb permess minn qabel għall-użu ta' suġġett (liċenzja).

Għal aktar informazzjoni dwar il-liġi Slovakka dwar id-drittijiet tal-awtur irreferi għall-ħoloq li ġejjin:

[bl-Ingliż](#) [bis-Slovakk](#)

© Ir-Repubblika tal-Finlandja (2018)

L-informazzjoni dwar il-Portal Ewropew tal-Ġustizzja Elettronika pprovduta mill-Gvern Finlandiż hija pubblika u mhijiex suġġetta għall-kundizzjonijiet tad-drittijiet tal-awtur.

© Ir-Renju tal-Iżvezja (2018)

Il-materjal ippubblikat fil-paġni tal-Iżvezja tal-Portal Ewropew tal-Ġustizzja Elettronika jista' jiġi riprodott mingħajr ħlas. Is-sors għandu jiġi rikonoxxut fejn dan ikun mitlub speċifikatament.

© Id-drittijiet tal-awtur tal-Kuruna (2018)

L-informazzjoni prodotta mill-Gvern tar-Renju Unit hija protetta mid-drittijiet tal-awtur tal-Kuruna. Il-kontenut kollu huwa disponibbli taħt [il-Liċenzja tal-Gvern Miftuħa v3.0](#), għajr fejn indikat mod ieħor.

Din il-paġna hi amministrata mill-Kummissjoni Ewropea. L-informazzjoni f'din il-paġna ma tirriflettix neċessarjament il-pożizzjoni uffiċjali tal-Kummissjoni Ewropea. Il-Kummissjoni ma taċċetta l-ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali fir-rigward tar-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-paġni Ewropej.

L-aħħar aġġornament: 11/12/2018